# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/179/PESK

## tad-29 ta' Frar 2008

## li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' April 2005 tar-Riżoluzzjoni 1596 (2005), il-Kunsill adotta, fit-13 ta' Ġunju 2005, il-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK [1] dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK).

(2) Fid-9 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2007/654/PESK [2] li temenda u testendi sal-15 ta' Frar 2008 l-miżuri restrittivi kontra r-RDK, biex b'hekk tiġi implimentata Riżoluzzjoni 1771 (2007) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonjiiet Uniti (UNSCR).

(3) Fil-15 ta' Frar 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta UNSCR 1799 (2008) li testendi l-miżuri kontra r-RDK sal-31 ta' Marzu 2008.

(4) Il-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK għandha għalhekk tiġi estiża,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8 tal-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK, għandu jiġu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi riveduta, emendata jew revokata skond il-każ, fid-dawl tad-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti."

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. COTMAN

[1] ĠU L 152, 15.6.2005, p. 22.
[2] ĠU L 264, 10.10.2007, p. 11